



Brussell, 19 ta' Lulju 2022
(OR. en)

11479/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0139(NLE)

AVIATION 173
RELEX 1046
ASIE 52

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Komprensiv dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha - Adozzjoni

1. L-abbozz ta' Ftehim imsemmi hawn fuq huwa r-riżultat tan-negozjati mmexxija mill-Kummissjoni abbażi tal-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Kunsill fis-7 ta' Ġunju 2016 u s-26 ta' Mejju 2020 lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN) bil-ħsieb li jiġi konkluż Ftehim Komprensiv dwar it-Trasport bl-Ajru. In-negozjaturi laħqu qbil dwar l-abbozz tat-test fit-2 ta' Ġunju 2021.
2. Fis-6 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposti tagħha għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-abbozz ta' Ftehim imsemmi hawn fuq u għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' dak il-Ftehim (8887/22 u 8884/22 rispettivament).
3. Il-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni eżaminaw l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar waqt il-laqgħat tiegħu fl-24 ta' Mejju u s-7 ta' Lulju 2022.

4. Wara l-eżami fil-livell tal-grupp ta' ħidma, it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u t-test tal-abbozz ta' Ftehim ġie rivedut mis-servizzi tal-ġuristi lingwisti tal-Kunsill.
5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jeżamina l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill kif jinsab fid-dokument 8896/22 tal-ġuristi lingwisti u t-test tal-abbozz ta' Ftehim kif jinsab fid-dokument 8974/22 tal-ġuristi lingwisti, u jissuġġerixxi li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, jadotta dik id-Deċiżjoni sabiex jippermetti l-iffirmar tal-Ftehim.
6. Il-Parlament Ewropew ser jiġi mgħarraf bl-adozzjoni f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE u d-Deċiżjoni ser tintbagħat lill-PE.
7. F'dan il-kuntest, huwa nnotat li l-iffirmar tal-abbozz ta' Ftehim huwa appoġġat ukoll mill-Istati Membri fil-kapaċità tagħhom bħala Partijiet għal dak il-Ftehim flimkien mal-Unjoni.
